MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Numru. 141/1990

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**Vs**

**David Brincat, Joseph Brincat u Robert Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kompilazzjoni migbura fil-konfront tat-tlett imputati u dan talli fit-2 ta’ Mejju, 1988, fl-Imsida, ghal habta tat-3.30pm;

(a) volontarjament ghamlu hsara fuq karozza A-7140 tal-marka Alfa Romeo, liema hsara teccedi l-hamsin liri maltin izda mhux il-hames mitt liri maltin ghad-dannu ta’ Helen Azopardi,

(b) ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alfred Bugeja skond kif iccertifika t-tabib Stephen Muscat M.D.

(c) lil David Brincat, talli fit-2 ta’ Mejju 1988 fl-Imsida, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Alfred Bugeja f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

(d) lil Robert Spiteri, talli fit-2 ta’ Mejju 1988, fl-Imsida, seraq gizirana tad-deheb ghad-dannu ta’ Alfred Bugeja, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-vjolenza;

(e) lil David Brincat u lil Robert Spiteri talli huma recidivi wara li kienu misjuba hatja b’sentenzi li ma jisghux jigu mhassar jew mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 433 tal-istess atti u li biha billi deherlu, a bazi tal-istess kumpilazzjoni, li tista’ tinstab htija (jew htijiet), taht dak li hemm mahsub:-

Fil-konfront ta’ Joseph Brincat biss
(a) Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali;
Fil-konfront ta’ Robert Spiteri biss
(a) Fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikolu 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 277(a), 279 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;
iddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta’ gudikatura kriminali fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-istess imputati.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni (fol 434 u fol 435 ibid).

Semghet l-uniku xhud prodott mid-difiza ossija Alfred Bugeja, l-parti lesa (fol 443 ibid).

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat
Illi, in forma preliminari, jridu jigu premessi s-segwenti fatturi:-

a) Fil-mori ta’ dan il-kaz kien miet l-imputat David Brincat (ara fol 249 u fol 251 ibid).

b) Il-parti lesa, Alfred Bugeja meta xehed, riprodott, kif jidher a fol 443 tal-atti, iddecieda wara li xehed diversi drabi quddiem din il-Qorti, illi jahfer liz-zewg akkuzati ta’ dak kollu li gara u illi ma kellux aktar interess li jitkomplew dawn il-proceduri u ghalhekk irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli. Konsegwentement ghal kull reat addebitat liz-zewg akkuzati u soggett ghal kwerela privata, stante li tista’ ssir rinunzja f’kwalunkwe stadju tal-proceduri, din il-Qorti trid tastjeni milli tiehu kunjizzjoni ulterjuri taghhom. Jigi notata illi meta din il-parti leza xehdet, f’seduta li saret qabel din ir-rinunzja (fol 421 ibid) hu kien sostna illi kien soggett ghal theddid waqt dawn l-proceduri u dan da parti ta’ David Brincat ormai mejjet.

Ikkunsidrat
Illi l-Prosekuzzjoni pproduciet is-segwenti provi, in sostenn tal-akkuzi in ezami:-

a) Helen Azzopardi imsemmija fl-akkuzi, xehdet (fol 81 u fol 90 et seq ibid), illi, in rigward l-incident in ezami, “…nghid li jiena ma niftakarx x’gara”. Wara bdiet tiftakar illi waqt l-istess incident karozza ta’ marka “Alfa Romeo” numru A7140, appartenenti lilha, kien gralha xi danni. Inoltre in rigward il-glieda “bejn Fredu u xi nies li ma nafx ossija ma niftakarx”, hi kienet bezghat u dahlet f’appatament fil-lokalita fejn grat cjoe Triq Testaferrata fil-Gzira. Lanqas ma kienet taf x’kienet ir-ragjuni jew motiv ta’ din il-glieda. Difatti meta regghet marret fuq il-post, hi sabet li “Fredu” kien ittiehed fl-Isptar u dan kien qalilha li l-

glieda kienet ma zewgt gharab. Fl-istess xhieda jidher li il-Qorti qrat lix-xhud dak li xehdet waqt li-inkjesta (ara l-'proces verbal' anness mal-atti) izda x-xhud "viva voce" quddiem din il-Qorti sostniet illi "lanqas ma niftakar" li t-tlett imputati, wara li imbuttawha u tefghuha mal-art, kienu aggredew lil Alfred Bugeja b'kanna tal-hadid u lembuba. Difattti, dejjem "viva voce" quddiem il-Qorti, hi ma gharfet lil hadd presenti fl-Awla u li kien involut f'din il-glieda u "….lill-imputati…. jiena ma nafhomx". Pero meta giet riprodotta, l-istess xhud ikkonfermat ix-xhieda li tat, waqt l-inkjesta bhala "…il-verita kollha" izda ma setghetx tiftakar "….min f'idejh kellu l-hadida u min kellu l-lembuba bejn David Brincat (mejjet) u Robert Spiteri". "Mistoqsija jekk lil Joseph Brincat u Robert Spiteri presenti fl-Awla, jien nirrispndi ma jidhirliex….peress li ghadda hafna zmien".

b) <u>PS 513 Anthony Gerada</u> (fol 93 u fol 103 et seq ibid) xehed illi fit-3 ta' Mejju (u mhux id-data specifikata fl-akkuzi ossija fit-2 ta' Mejju 1988), kien mar fuq il-post tal-incident u hawnhekk kien ra persuna li ma setax jidentifika, titfa bicca injama f'karozza tal-marka 'Fiat' numru A0404 u dwar din il-karozza x-xhud semma li hi registrata fuq Alfred Bugeja. Inoltre kien sab ukoll, karozza tal-marka Alfa Romeo, wieqfa f'nofs it-triq. Fir-<u>rapport</u> redatt minnu (fol 97 u fol 98 ibid) jinghad li l-karozza 'Fiat' kienet qed tinsaq minn David Brincat, l-akkuzat mejjet, u li zewg persuni ohrajn kienu fl-istess karozza li Alfred Bugeja kien stqarr illi nvoluti kien hemm "three unknown persons" li oltre li hebbew ghalih taw daqqiet fuq il-karozza tieghu (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>PC 634 Wilfred Mintoff</u> a fol 99 et seq ibid li semma illi ma setax jidentifika l-persuni involuti bhala presenti fl-awla, ta' <u>Louis Farrugia</u> (fol 107 et seq ibid) dwar fuq min huma registrati l-imsemmija vetturi ossija Laurence Calafato, in rigward il-Fiat 125 liema vettura giet mibjugha lil Emanuel Spiteri).

c) L-istess <u>Alfred Bugeja</u> xehed kemm fl-inkjesta kemm quddiem din il-Qorti, <u>diversi drabi</u> sakemm, minhabba il-mod kif xehed, din il-Qorti ordnat li jittiedu proceduri kontra tieghu in rigward gurament falz (ara fol 157 ibid). Inoltre digja gie premess illi hu kien hafer lil-akkuzati,

Robert Spiteri u Joseph Brincat u sostna li ma kellux interess aktar f'dan il-kaz. Jigi notat illi, a fol 168, hu kien xehed illi l-gizirana li ttiehedt waqt il-glieda kien ra f'idejn l-akkuzat Robert Spiteri izda meta hu kien tkellem ma dan, Robert Spiteri kien cahad li kien hadha (ara ukoll l-istqarrija tal-akkuzat Robert Spiteri a fol 68 ibid).

In rigward l-istess 'parte lesa' kienu ttiehdu l-proceduri kontra tieghu kif ordnati u jidher li l-Qorti tal-Appell, kif rizultanti mis-sentenza annessa mal-atti kienet illiberatu minn din l-akkuza stante li ma sabitux hati taghha peress li hu kien mhedded. Dwar dan b'certa kumbinazzjoni, hu sostna quddiem din il-Qorti, kif digja premess, illi dan it-theddid kien qed jsir mill-mejjet David Brincat wahdu.

Wara li kkonsiderat dan kollu, din il-Qorti tara li l-istess 'parte lesa' tilef kull affidabilita u Hi ma tistax tistrieh fuq dan ix-xhud li ta, kif digja inghad, diversi versjonijiet tal-akkadut u dwar min seta kien involut f'dan l-incident. Dan premess, il-Qorti tara li in rigward l-akkuzi ta' hsara volontarja u serq ta' gizirana, din tal-ahhar migjuba fil-konfront tal-akkuzat Robert Spiteri, ma tistax issib liz-zewg akkuzati superstiti hatja ta' dawn ir-reati u ghalhekk ser tilliberhom fuq bazi ta' insufficjenza ta' provi affidabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu kunjizzjoni ulterjuri tal-akkuza ta' feriti hfief u tiddikjara il-proceduri bhala esawriti in rigward din l-akkuza, issib lill-akkuzati Joseph Brincat u Robert Spiteri mhux hatja tal-akkuzi rimanenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------